Lago Di Garda & the Dolomites

INŻURU: Garda, Venezia, Verona, Gardaland, Movieland & Caneva World Studios, Safari Park, Sirmione, Bardolino, Riva Del garda, Limone, Malcesina, Peschiera, Canazei, Moena u Mincio.

Grupp A: 18 ta' Lulju-25 ta' Lulju
Grupp B: 01 t'Awwissu –08 t'Awwissu
Grupp C: 15 t' Awwissu-22 t' Awwissu
Grupp D: 05 ta' Settembru-12 ta' Settembru

IS- SIBT

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-18.20 għall-flight KM638 li ttir fit-20.20 u naslu l-ajruport ta' Venezja fid-22.05. Nitilqu bil-coach lejn il-**Hotel Antares Sport, Beauty and Wellbeing 4 star** ġewwa Villa Franca Verona. Sistemazzjoni tal-kmamar kollha bl-arja kundizzjonata, nsibu wkoll żewġ swimming pools u free wi-fi.

IL-ĦADD

Wara li nieħdu buffet breakfast, eskursjoni ta' ġurnata mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Parco NaturaViva Safari Park, Sirmione, Borghetto sul Mincio**. L-Ewwel waqfa tagħna tkun **Parco Natura Viva Safari Park f'Bussolengo** (dħul extra) fejn naraw diversi annimali waqt li nduru bil-kowċ f'dan il-park li hu kbir seba' kilometri. Din hi esperjenza sabiħa kemm għal kbar kif ukoll għat-tfal. Dan il-park joffri okkazzjoni unika biex nosservaw mill-viċin l-annimali tas-Savana Afrikana fl-abitat naturali tagħhom. Wara nkomplu lejn **Sirmione** l-perla ta' Lake Garda. Nagħmlu dawra mat-tour leader madwar it-toroq tant pittoreski mimlija boutiques, cafes' u restaurants. Min irrid jist jmur dawra bil-boat (extra) madwar il-lag fejn fost l-oħrajn naraw il-**Villa ta' Maria Callas**. Issa jmiss li nżuru **Borghetto sul Mincio** li bla dubju huwa post li jsaħħar lil kull min iżuru. **Mincio** ddikjarat bħala wieħed mill-isbaħ villaġġi fl-Italja. Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

IT- TNEJN

Ġurnata mimlija divertiment kontinwu għall-kbar u għaż-żgħar. Għalhekk għal min irrid tkun offruta eskurssjoni ta' jum sħiħ għal **Gardaland**. Park famuż għad-divertiment għax hu speċi ta' Mini Disneyland. Dan l-isbaħ u l-akbar **Theme Park** ġewwa **l-Italja** (biljett tad-dħul mħallas). Naraw shows spettakolari u attrazzjonijiet fantastiċi, inżuru wkoll is-**Sealife Aquarium** (biljett tad-dħul inkluż) u illum ma jkollniex ċena peress li ndumu Garda sa tard filgħaxija.

IT- TLIETA

Excursion ta' nofs ta' nhar għall-belt ta' **Verona**, il-belt ta' **Romeo u Julietta**. Fost l-oħrajn naraw l-**Arena** Romana tal-ewwel seklu, **Piazza Bra, Via Mazzini u Palazzo degli Scaglieri**. Ikollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs u ħin għal ikel (extra). Transfer bil-kowċ lejn il-hotel fejn ser ikollna ħin liberu u tkunu tistagħu tużaw il-pool tal-hotel. Ċena u ħarġa mal-leader bil-kowċ (imħallsha) fejn se inżuru post verament sabiħ ta' **Lazise.**

8
T'IJIEM

MINN €860
KULL PERSUNA

PREZZ KULL PERSUNA
ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSA

	Normali	Skontat
Kamra ta' tlett persuni	€910	€860
Kamra żewġ persuni	€920	€870
Kamra ta' persuna waħda	€1100	€1050
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	€710	€660

PREZZ JINKLUDI

- Titjira Air Malta: Malta-Venezja-Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u *cable cars* mhux inklużi)
- 7 iljieli Hotel Antares Sport, Beauty & Spa 4 star f'Villa Franca-Verona
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati u b'arja kkondizzjonata
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Ċena (skond il-programm)
- Entraturi ta' Gardaland, Caneva World, Movieland Studios mħallas
- Boat ta' Venezja
- Taxxi tal-ajruport, City Tax u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund



L- ERBGĦA

Ġurnata mill-iżjed interessanti fejn illum se nżuru **Caneva World Movieland Studios** (biljett tad-dħul mħallas) dinja ta' divertiment għall-familja kollha, l-istudios ta' Hollywood qedgħin ġo Themed Park kbir dirett fuq il-lag ta' Garda. Ġo **Movieland** ma tarawx films iżda taraw attrazzjonijiet, live shows u monumenti ta' Super Animation transfer għall-lukanda jkun fit-15.00. Min wara l-Movieland jiddeċiedi li jmur jiddeverti fl-**Aqua Park** it-transfer bil-kowċ għall-lukanda ser ikun fis-18.00. Ċena fil-hotel.

IL-ĦAMIS

Skopri magħna l-ġmiel tal-muntanji **Dolomiti,** forsi l-isbaħ zona muntanjuża tal-Ewropa. Waqt il-vjaġġ tagħna naraw villaġġi żgħar u ħelwin. Inżuru **Moena u Canazei**, ikollna ċans li nitilgħu bil-cable car(mhux inkluż) fuq waħda mill-muntanji. Insomma ġurnata memorabbli mimlija b'xenarji mill-isbaħ u li ma tinsew qatt. Nirritornaw lura l-hotel għaċ ċena.

IL-ĠIMGĦA

Eskurssjoni mill-iżjed interessanti fejn se nżuru villaġġi mill-aktar pittoreski li jinsabu madwar **Lago di Garda**. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Riva del Garda** fejn naraw il-parti antika mimlija bini bl-arkati bi stil medjevali u palazzi antiki. Nitilqu bil-boat (mhux inkluż) lejn **Limone** li hi tant attraenti u toroq dojoq mimlija ħwienet li jbiegħu affarijiet tal-ġilda u souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġo **Malcesina**, post ieħor mill-isbaħ. Wara ċena mmorru bil-kowċ lejn **Bardolino** fejn nagħmlu dawra mal post fejn ikun hawn atmosfera sabiħa.

IS-SIBT

Breakfast u wara tluq lejn **Padova**, dawra mal leader biex naraw din il belt sabieħa nżuru iż-centru storiku bil-pjazzez kummerċjali bhal Piazza delle Erbe u Piazza della Fruttau, inżuru wkoll il-Basilika ta' San Antnin. Wara tluq lejn il-belt famuża ta' **Venezja** għalhekk qed noffrulkom eskursjoni għal din il-belt romantika, il-gżira ta' 411 il-bridge u 150 kanal. Mal-wasla tagħna naqbdu l-boat (mħallsa) li twassalna **Piazza San Marco**, fil-mawra tagħna f'din il-belt nammiraw il-**Palazzo Ducale, il-kattidral ta' San Marco, Riva degli Schiavone, Ponte Dei Sospiri, Ponte Rialto u l-Grand canal** nagħmlu dawra mat-toroq dojoq u tant pittoreski u kif ukoll matul il-kanali. Min irrid jista' jitla' fuq il-**Campanile** minn fejn tkunu istgħu tammiraw veduta meraviljuża ta' Venezja u l-baħar ta' madwarha. Wara transfer lejn l-ajruport ta' Venezja għall-flight KM639 li ttir fl-22.55 naslu lura Malta f'00.45.